**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tas-17-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 4 ta' Frar 2016 fils-5.10 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
| --- | --- |
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech (5.45pm) |
| | Mark Azzopardi (5.35pm) |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekutti** | Kurt Guillaumier |

**17/01 Talba**

**17/01/01** Il-laqgħa bdiet fil-5.10 p.m. billi ntqalet it-talba.

**17/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 16**

**17/02/01** Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 16/03/03 għandha tidħol fl-aħħar tas-sentenza "Jekk jaqblu magħhom ir-residenti li ġejjin quddiemhom." Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti b'din il-korrezzjoni.

**17/03 Punti mtella' mill-Minuti 16**

**17/03/01** **Para 16/03/01:** Ġiet innutata li għadha pendenti l-pjanta tal-Perit għal Ġnien Żagħruna. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-Catch The Drop Campaign qegħda tikkonsidra l-applikazzjoni tal-Kunsill għal ġibjun f'dan il-ġnien.

**17/03/02** **Para 16/03/02:** Il-Kunsill innota li Signmark irrevedi l-invoices tiegħu u dawn għandhom jirriflettu r-rati li għandu fit-tender mal-Kunsill.

**17/03/03** **Para 16/03/03:** Ġie innutat li l-bollards li għandhom jeħlu fi Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew għadhom pendenti. Dawn għandhom isiru fi żmien qasir.

**17/03/04** **Para 16/03/04:** Kien hemm dikussjoni rigward ix-xogħol ta' konkos li sar fi Sqaq il-Ħofra. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti biex jiġu nfurmati li dan ix-xogħol sar mill-Kunsill bħala soluzzjoni temporanja sakemm il-gvern centrali jaghmel din it-triq li taqa' taht responsabbilita' tieghu.

**17/03/05** **Para 16/03/08:** Il-Kunsill ġie nfurmat li intbagħtet l-ittra lill-kuntrattur tal-public convenience biex jiġi nfurmat li ġie tterminat il-kuntratt li hemm.

**17/03/06** **Para 16/09/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-pjanti għat-twessiegħ ta' Triq il-Ġnien intbagħtu lil TM.

Is-Sur Mark Azzopardi daħal għal-laqgħa fil-5.35pm.

17/03/07 **Para 16/10/01/03:** Kien hemm diskussjoni rigward resident fi Triq Fra Duminku Mifsud fejn qed jinsisti li parti minn din it-triq hija privata u ser jagħmel mandat biex jieqaf ix-xogħol. Ġie deċiż li x-xogħol jitkompla u jekk ikun hemm bzonn isir rapport lil MEPA u lid-Dipartiment tal-Artijiet.

17/03/08 **Para 16/10/01/04:** Il-Kunsill qed jistenna għall-appuntament biex jagħmel żjara fil-Ġibjun ta' Triq il-Mitħna.

Is-Sur Carl Grech daħal għal-laqgħa fis-5.45pm.

**17/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

17/04/01 L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Gie deciz li jitwaqqfu temporanjament il-pagamenti 21, 23 u 27 sakemm jiġu kkjarifikati. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati il-kumplament tal-pagamenti. Kien hemm qbil unamimu wkoll fuq il-lista tal-petty cash. Gie deciz li l-istaff tal-Kunsill għandhom jibagħtu l-lista ta' xiri ta' hospitality lis-Segretarju Eżekuttiv qabel ma' ssir l-ordni kif ukoll li l-iskeda tal-pagamenti titqassam lill-Kunsillieri mal-Minuti.

**17/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

17/05/01 18116068240511 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex issir CCTV camera fi Sqaq il-Ħofra minħabba li hemm min qed iħalli l-borża tal-iskart f'diversi ħinijiet. Ir-residenti offra li jhallas ghall-ispejjez sabiex tehel din il-camera. Il-Kunsill innota li din hija problema f'numru ta' postijiet u mhux possibbli li tagħmel CCTV kull fejn hemm din il-problema. Ukoll jekk dan ir-residenti iwahhal camera din ghandha tkun iffokata fuq il-propjeta tieghu u mhux fuq it-triq pubblika.

17/05/02 Ġie innutat li fi Triq Carravaggio hemm double yellow line li gie miżbugħ iswed. Kien hemm qbil li dan għandu jerġa' jiġi miżbugħ isfar.

17/05/03 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex isiru l-parking bays fi Triq Gużeppi Calì kantuniera ma' Triq l-Indipendenza. Għandha ssir site visit fuq din qabel tittiehed decizjoni.

**17/06 *Korrispondenza***

17/06/01 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza mill-MEPA. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel oġġezzjoni rigward PA00092/16, peress li din hija ODZ u ser tkun ta' eyesore.

17/06/02 Ġiet innutata korrispondenza rigward siġar tal-Yucca f'tal-Lanciritka. Il-Kunsill iddeċieda li ma jiehu l-ebda azzjoni.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**17/06/03** Kien hemm diskussjoni rigward pagamenti pendenti mill-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku għandu jiltaqa' miegħu biex jiġu vverifikati dawn il-kontijiet u wara jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**17/06/04** Il-Kunsill innotat il-mappa tal-istreet lighting tal-Għargħur.

**17/06/05** Kien hemm diskussjoni rigward Memo 4/2016 skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning. Ġie deċiż li napplikaw għall-ingliż.

**17/06/06** Ġie innutat l-istatement of funds tal-UIF. Gie deċiż li issir applikazzjoni biex parti minn Triq Sta Marija taz-Zellieqa tinkesa bil-konkos.

**17/06/07** Ġiet innutata r-risposta negattiva għal Memo 11/2015 Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi.

**17/06/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-WD rigward proġett ta' storm water flood relief.

**17/06/09** Kien hemm qbil li tibda tintbagħat il-lista tal-permessi tal-cranes lir-Regional Enforcement Officer tal-LESA biex ikun hemm infurzar aħjar min jagħmel crane bla permess. Gie deċiż ukoll li meta jintrema crane minghajr permess ghandu isir rapport lill-Pulizija.

**17/06/10** Ġiet innutata korrispondenza tal-European for Citizens Programme 2014-2020.

**17/06/11** Għandu jsir follow-up rigward talba lill-MEPA fuq kjarifika għal tibdil fir-road alignment PA 37/2015.

**17/06/12** Giet innutata talba ghal kumpens ghal hsarat li allegatament sar fuq karrozza meta waqa fanal tad-dawl. Wara diskuzzjoni gie deciz li m'hemmx evidenza bizzejjed biex jithallas dan il-kumpens. Gie innutat ukoll li din il-vetturi kienet ipparkjata illegalment f'kantuniera.

**17/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**17/07/01** Is-Sur Giljan Aquilina tkellem:

**07/01/01** Beda x-xogħol ta' culvert fi Sqaq Sofija.

**07/01/02** Informa lill-Kunsill li hu ntgħażel biex jattendi għal European Youth Day gewwa Franza f'Mejju tal-2016.

**07/01/03** Għandha ssir laqgħa ta' ko-ordinament mad-Dawl Ġodda, Pulizija u l-Kappillan rigward il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

**07/01/04** Għandha ssir l-attività tal-Karnival fil-pjazza nhar it-Tnejn, 8 ta' Frar 2016.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**07/01/05** Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-Gharghur F.C biex il-Kunsill jipprovdi bowzer ilma għal ground tal-futball. Ġie innutat li skont il-ligi l-Kunsill ma jistax jaghmel donazzjonijiet u meta gie użat il-ground fis-sajf ghall-attivita' tal-Kunsill kien diġà inghata bowzer ilma peress li fl-attivita' kien intuża hafna ilma.

**17/07/02** Is-Sur Mario Gauci tkellem fuq;

17/02/01 Il-fanali u l-bżonn li dawn isirulhom manutenzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.

17/02/02 Id-diversi ilmenti dwar nuqqas ta' knis fit-toroq kif ukoll li l-kuntrattur kien qed ihalli boroż suwed imxerrdin mat-toroq. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kuntrattur nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar 2016 fis-6.30pm.

17/02/03 Li ssir il-linja safra fi Triq San Nikola kantuniera ma'Triq San Ġwann li diġà kienet ġiet approvata mill-Kunsill.

**17/07/03** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li għandha ssir laqgħa għas-Sotto Kumitat tal-anzjani. Għandu jsir il-coffee morning nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2016. Hu talab biex titneħħa MC bay minn Triq Caravaggio minħabba li qed tinblokka l-vista ta' karozza meta toħroġ mill-garage. Għandha ssir site visit fuq dan.

**17/07/04** Is-Sur Christopher Fenech tkellem fuq l-aħħar ħarġa kulturali għal Dar Fra Jacob. Din kienet ta' suċċess. Għandha ssir ħarġa oħra l-aħħar Tlieta tax-xahar.

**17/08** **Aġġornament**

**17/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erghba, 24 ta' Frar 2016 fis-6.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |